26 ta’ Awissu 2009

San Ġiljan – Qaddis Patrun tal-Kaċċaturi Maltin

Nhar il-Ħadd 30 ta’ Awissu 2009 ser tkun is-26 sena li matul il-Festa ta’ San Ġiljan l-kaċċaturi jagħtu salut lill-istatwa tal-Qaddis Patrun tagħhom, billi jisparaw skrataċċ in bjank (blanks).

F’irħula oħra (imma mhux f’San Ġiljan) dan is-salut baqa jsir bil-“Musketterija” li ġejja mill-kelma Taljana ‘moschetto’ li tfisser ‘xkubetta’ bil-Malti.

Il-Kaċċaturi ta’ San Ġiljan u San Ġwann jattendu għal dan is-salut, imma kull kaċċatur ieħor huwa mistieden jipparteċipa ukoll.

Wara s-Salut, fis-sala tal-Parroċċa, jitqassam xi xorb u ikel, sponsorjat mill-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK). Hawnhekk, sal-2007, il-kaċċaturi kienu joqogħdu jirrakkontaw kif qattgħu il-Passa tar-Rebbiegħa li tkun għadha kemm spiċċat, u jqabblu l-ammont ta’ qbid. Din is-sena, bhas-sena l-oħra dan ma jkunx possibli minħabba li l-kaċċa fir-Rebbiegħa għat-tieni sena konsekuttiva kienet inġustament sospiża.

L-Iskrataċċ in bjank mqassma lill-kaċċaturi ikunu bħal dejjem ippreparati bl-idejn mis-Sur Aldo Azzopardi.

Membru ieħor tal- Għaqda Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti – San Ġiljan/San Ġwann li jistħoqqlu jissemma huwa s-Sur Godfrey Pisani. Is-Sur Pisani mhux biss huwa sponsor ieħor ta’ dan l-avveniment iżda jkun attiv ħafna fl-organiżazzjoni tas-Salut.

Mela dawk il-kaċcaturi li jridu jisparaw dan is-salut nhar il-Ħadd għandhom ikunu fejn is-sala tal-Parroċċa għas-6:30pm.

F’okkażjoni tal-Festa ta’ din is-sena l-FKNK ser torganizza ukoll konċelebrazzjoni ta’ Quddiesa għal kaċċaturi kollha fil-Knisja l-qadima ta’ San Ġiljan. Waqt din il-Quddiesa għanda tkun imbirka l-Istatwa żgħira ta’ San Ġiljan li tinsab f’post onorabli fil-kwartieri tal-FKNK l-Imsida. Id-data u l-ħin ta’ din il-Quddiesa jitħabbru aktar il-quddiem.

FKNK
Għaqda Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti – San Ġiljan/San Ġwann